**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 84/02/1**

**Darren Micallef**

**vs**

**Emmanuel Tonna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm326.60 (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti hsarat kagunati mill-konvenut meta waqqa xi materjal fuq il-vettura tal-attur (skond stima annessa mal-avviz tat-talba).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni imsemmija fl-avviz tat-talba, ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati mill-attur huma fi kwalunkwe kaz eccessivi;

Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti/ritratti esebiti.

Ikkonsidra.

Illi dak li huwa illuminanti fil-kawza odjerna hija ix-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tas-16 ta' April, 2002. Spjega fid-dettal kif jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fis-sistema tad-drain tieghu, inkluz il-materjal abraziv li jutilizza. Kien onest u genwin bizzejjed li stqarr ukoll li kien ir-rih, kien it-titjir u ticpis. Ix-xhieda Christine Camilleri ikkoroborat dak li qal l-istess konvenut.

Illi huwa veru li ma kienx fizikament hu li tajjar it-ticpis fuq l-vettura, izda kien ir-rih.  Jista' jigi ritenut responsabbli tad-danni kagunati kif sollevati mill-attur?

Illi l-attur ma gab l-ebda prova ta' kif gie kagunat lilu d-danni minnu reklamati.  Fil-premess tal-avviz, huwa jallega li kien l-konvenut li waqqa xi materjal fuq il-vettura tieghu.  Dan ma giex pruvat.  Il-konvenut spjega il-modus operandi tieghu.  Jista jigi konsiderat li kien xi att volontarju jew involontarju jew xo ommissjoni da parti tieghu.  L-intervent ta' att naturali bhal presenza ta' rih li tghajjar ma kien xi wiehed prevedibbli.  Veru li sar minnu, izda kien prevedibbli jew anticipabbli? Zgur li le.  Huwa kaz ta' casus sentit dominus.

Ghaldaqstant , it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**